# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 812/97**

**Numru 26**

**Anthony Mangion**

**vs**

**David Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' hames mija u ghaxar liri u sitta u sebghin centemzu (Lm510.76) in linea ta' danni li sofra l-istess attur sid il-vettura Daihatsu I-9255 li fit-30 ta' Novembru 1995 kienet involuta f'kollizzjoni ma vettura B-9751 mill-konvenut misjuqa, liema kollizzjoni saret minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parte tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta‘ ittri tat-12 ta’ Frar 1996 u dik ufficjali tat-23 ta‘ Lulju 1996 u bl-imghax u l-VAT kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 4 tal-atti) illi:

1. It-talba attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda sehh unikament tort ta’ l-attur innifsu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-kollizjoni in esami giet investigata minn PS 1168 Joseph Caruana li xehed (fol 26 et seq tal-atti) illi l-istess incident gara ghall-habta tas-7.30p.m. f’Triq it-Turisti meta din it-Triq kienet maghluqa. Wara li esebixxa kopja tal-iskizz u rapport (fol 30 u 31 tal-atti), hu ikkonferma li wara’ l-vettura misjuqa mill-attur u bin-numri l-9255 kien hemm marki ta’ “brakes” twal 15.80 metru fil-probabilta li l-istess marki kienu

“maqtughin”. Inoltre <u>taht</u> il-vettura misjuqa mill-konvenut, bin-numri P1751 kien hemm, ukoll, marki ta’ “tyres”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> in konnessjoni mal-istess incident spjega li kien qed jsuq b’velocita ta’ madwar hmistax jew ghoxrin mil fis-siegha f’Triq it-Turisti u “waqaft fejn hemm indikat “stop”, sabiex jidhol, lejn il-lemin tieghu, f’Triq il-Merluzz. Hawnhekk kien hemm hafna xahx u meta hu ghafas il-”brake”, il-karozza misjuqa minnu “baqghet sejra .... Pero jiena xorta bqajt gewwa l-’stop sign’ “. Hu ssottolinea ukoll, li, kif minn fuq l-iskizz a fol 30 tal-atti, fuq il-lemin tal-vettura tieghu hemm linja bajda kontinwa f’nofs Triq it-Turisti. Kif kien hawnhekk, wieqaf, il-karozza misjuqa mill-konvenut giet minn Triq il-Merluzz u “baqghet diehla go fija u fuq quddiem waqt li karozza ohra, precedentement, kienet ghaddiet minn quddiemi”. In rigward dan il-punt hu xehed testwalment “Waqt li jien kont qed naghfas il-”brake” u kont qed niskidja, l-ewwel vettura ghaddiet (gejja mix-xellug tieghu) minn quddiem. Jien fil-fatt kif waqaft saret il-habta“. Hu nnota ukoll li fuq ix-xellug tieghu kien hemm vetturi ohra parkeggati. In kontro esami, hu ssottometta li l-”brake marks” wara il-karozza tieghu kienu “intermittenti” “ peress li “jien ghafast il-’brake”, (xi 45 pied qabel l-”stop sign”) hassejtni niskiddja, hallejt il-”brake”, imbaghad ergajt ghafast il-’brake’ izda “

........ L-ohra dahlet go fija (fuq ix-xellug fuq quddiem) kwazi meta kont wieqaf" ossija "kont wasalt biex nieqaf fuq l-stop". Fl-ahharnett, hu ipotizza li l-konvenut "kien ser jaqsam ghat-Triq it-Turisti, n-naha l-ohra "wrong side" u "...kien ser jghaddi min fuq l-'stop sign' ".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 33 et seq ibid) spjega li kif dar il-kantuniera sabiex minn Triq il-Merluzz, nidhol f'Triq it-Turisti, hu kien ra karozza ohra gejja meta din kienet xi tmenin pied il-boghod fl-istess Triq il-Turisti. Ghalhekk hu ghafas il-'brake'. Hawnhekk meta kien wieqaf ghal kollox hu ra li l-vettura l-ohra baqghet gejja stante li kien jidher li minn kien qed jsuqha tilef il-kontroll taghha. Inoltre din il-vettura habtet mal-parti ta' quddiem tal-karozza tal-istess konvenut fuq ix-xellug. Waqt li esebixxa ritratt (Fol 39 ibid) li kien hemm murija il-lokalita fejn gara dan l-incident, hu testwalment xehed "...t-triq in kwistjoni mhux wiesa bizzejjed ghall-'ispeed' li bih kien ghaddej s-sewwieq l-iehor". Inoltre hu issottolinea li t-triq minn fejn kien gej (u hiereg) l-attur ghandha zewg "stop signs" ossija kemm mal-hajt kemm mal-art waqt li sostna ukoll li "difficli biex tghid minhabba kif inhi l-kantuniera". Meta "mistoqsi jekk meta hrigt mit-triq tieghi, cioe minn Triq il-Merluzz, jiena kontx 'wrong side' jew le minhabba l-kantuniera".

Ikkunsidrat

Illi Ex PS 1168 Joseph Caruana (fol 26 et seq ibid) oltre li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz relattivi ghal dan l-incident (Fol 30 u 31 tal-atti spjega li:

a) l-marki ta' 'brakes' wara l-vettura tal-attur, li kienu twal 15.80 il-metru, ma kienux "necessarjament uniformi dawk" stante li kienu maghmulin fuq ramel u xahx ossija trab uzat sabiex tigi rrangata t-triq in kwistjoni.

b) taht il-vettura tal-konvenut kien hemm ukoll sinjali ta' 'brakes' twal daqs l-istess karozza tal-konvenut.

c) "Fuq l-iskecc hemm indikat nofs it-triq b'linja bajda".

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti specjalment mill-imsemmi skizz (fol 30 tal-atti) illi l-konvenut, minghajr ma ta' spjegazzjoni, dar minn Triq il-Merluzz sabiex jidhol ghal Triq it-Turisti billi invada in-naha ta' din it-Triq minn fejn kien qed jsuq l-attur fuq il-"proper side of the road". Tali manuvra altament negligenti maghmula kif inghad mill-konvenut tidher

li hi l-kawza immedjata ta' dan l-incident u b'hekk il-konvenut ghandu jigi ritenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident oltre ghall-hlas tad-danni pretizi fl-avviz u li ma gewx kontestati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm510.76, 0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm510.76,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Lulju 1996 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll tal-ittra tat-12 ta' Frar 1996 u ta' dik ufficjali tat-23 ta' Lulju 1996 oltre t-taxxi in rigward valur mizjud.

Alan Calleja
Deputat Registratur